FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 104/01JR**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Anthony Boyianzis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax tat-tmienja fil-mija fuq sebghin lira Maltija (Lm70.00) mill-prezentata ta' l-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li dehret Doreen Boyanzis u ammettiet it-talba attrici pero` talbet zmien ghall-pagament.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta, u fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00), bl-imghaxijiet tat-tmienja fil-mija mit-13 ta' Frar, 2001 sal-hlas effettiv, b'dana pero` li l-konvenut ikollu l-fakolta li jhallas l-ammont imsemmi f'rati ta' ghaxar liri Maltin fix-xahar, l-ewwel rata tkun dovuta fis-6 ta' April, 2001, u sussegwentement fis-sitt jum ta' kull xahar konsekuttiv, b'dana pero` li jekk il-konvenut jibqa' morus anke f'pagament wiehed, jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u s-socjeta` attrici tkun tista' tesegwixxi fuq l-intier..**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**